

III

(Atti preparatorji)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

IT-83 SESSJONI PLENARJA FID-9 U L-10 TA' FRAR 2010

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Is-sena Ewropea tal-Volontarjat (2011)"

(2010/C 175/10)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI JOĦROĠ IR-RAKKOMANDEZZJONIJIET LI ĠEJJIN:

- jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li l-2011 tissejjaħ is-Sena Ewropea tal-Volontarjat u jaqbel mal-analiżi tal-Kummissjoni dwar il-kontribut multidimensjonali li l-volontarjat jagħmel għas-soċjetà Ewropea u l-isfidi u l-ħtiġijiet ta' politika li jiffaċċja s-settur;
- jenfasizza r-rwol ewlieni li jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-promozzjoni, l-iżvilupp u l-appoġġ tal-attivitajiet ta' volontarjat, kif juri l-ammont ta' volontarjat li huwa direttament imħeġġeġ f'dan il-livell, u jilqa' r-rikonoxximent tar-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali f'dan l-abbozz ta' Proposta;
- huwa tal-fehma li l-għażla tal-2011 bħala s-Sena Ewropea tal-Volontarjat għandha tkompli tibni fuq l-attivitajiet tas-Sena Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali fl-2010, meta wieħed jikkunsidra r-rwol li jaqdi l-volontarjat f'dan ir-rigward, u jissuġġerixxi li s-Sena Ewropea għandha tagħti appoġġ lill-azzjonijiet kumplementari relatati mal-għaxar anniversarju tas-Sena Internazzjonali tal-Volontiera organizzata min-NU;
- barra minn hekk, huwa tal-parir li r-riżultati tas-Sena Ewropea tal-Volontarjat fl-2011 għandhom jintużaw fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet relatati ma' Snin Ewropej rilevanti fil-futur bħalma huma x-Xjuħija Attiva (fl-2012) u ċ-Ċittadinanza (proposta għall-2013);
- jenfasizza l-bżonn li s-Sena Ewropea tal-Volontarjat tintuża sabiex jittejbu l-kundizzjonijiet tal-volontarjat fl-Unjoni Ewropea, b'mod speċjali fir-rigward tal-provvediment ta' infrastruttura li jkollha riżorsi tajbin u li tkun effiċjenti u vjabbli sabiex, permezz tagħha, il-pubbliku jkollu aċċess faċli għall-opportunitajiet ta' volontarjat.

Relatur:	Is-Sur Declan McDonnell (IE/ALDE), Sindku ta' Galway, Membru tal-West Regional Authority
Dokument ta' referenza:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea ta' Volontarjat (2011) COM(2009) 254 finali

I. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

1. jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li l-2011 tissejjaħ is-Sena Ewropea tal-Volontarjat u jaqbel mal-analiżi tal-Kummissjoni dwar il-kontribut multidimensjonali li l-volontarjat jagħmel għas-soċjetà Ewropea u l-isfidi u l-ħtiġijiet ta' politika li jiffaċċja s-settur;

2. jilqa' r-rikonoxximent mill-Kummissjoni Ewropea tal-attività tal-volontarjat bħala fattur ewlieni ta' ċittadinanza attiva fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE. Għal bosta individwi, l-attività tal-volontarjat hija espressjoni personali tal-kunċetti tal-koeżjoni soċjali u tal-kapital soċjali u hija, fl-aktar forma ġenwina tagħha, ċittadinanza "attiva";

3. jenfasizza r-rwol ewlieni li jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-promozzjoni, l-iżvilupp u l-appoġġ tal-attivitajiet ta' volontarjat, kif juri l-ammont ta' volontarjat li huwa direttament imħeġġeġ f'dan il-livell, u jilqa' r-rikonoxximent tar-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali f'dan l-abbozz ta' Proposta;

4. jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni Ewropea tifhem l-importanza tal-volontarjat b'relazżjoni mal-kapaċità tal-individwi li jimpjegaw ruħhom u mat-tagħlim tul il-ħajja. Filwaqt li bħalissa dan huwa ta' importanza għolja minħabba l-kriżi ekonomika, dan huwa wkoll kruċjali fi żminijiet meta l-ekonomija tkun miexja tajjeb billi jservi ta' mezz sabiex tkun imħeġġa l-koeżjoni soċjali;

5. jenfasizza l-kontribut ekonomiku li l-volontarjat jagħmel lill-ekonomija lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE bħala fattur influwenti fl-investiment u fil-ħolqien tal-impjegji u jikkunsidra li s-Sena Ewropea 2011 tipprowdi opportunità għal riflessjoni ikbar dwar dan il-kontribut fil-kuntest tat-tiġdid tal-Istrateġija Ewropea għat-Tkabbir u l-Impjegji (l-Istrateġija ta' Lisbona) u l-proċess tal-Programm Nazzjonali ta' Riforma;

6. madankollu jenfasizza li l-volontarjat ma għandu, fl-ebda settur, jintuża bħala alternattiva jew sostitut għall-ħidma mwettqa mill-persunal impjegat; l-awtoritajiet pubbliċi, fl-ambitu tal-kompetenzi tagħhom, għandhom jiżguraw li la huma u lanqas l-imsieħba kontrattwali tagħhom ma jkunu involuti fi Prattiki bħal dawn;

Il-bażi legali u t-titlu tas-Sena Ewropea

7. jaċċetta li s-sena 2011 tingħata t-titlu ġdid ta' "Sena Ewropea tal-Attivitajiet ta' Volontarjat li tippromovi ċittadinanza attiva" b'kunsiderazzjoni tal-bażi legali li ntużat għall-abbozz ta' Proposta iżda huwa tal-fehma li t-titlu oriġinali għandu jibqa' jintuża bħala t-titlu pubbliku sabiex jgħin joħloq l-appoġġ, ir-rikonoxximent u l-fehim tas-Sena Ewropea u sabiex jiġi evitat li tidgħajjef it-tema ewlenija tagħha, li hija l-volontarjat;

8. barra minn hekk, jitlob li jiġu evitati diskussjonijiet twal dwar il-bażi legali u li tittieħed mill-aktar fis deċiżjoni dwar il-Proposta sabiex jitħalla ħin biżżejjed għall-azzjonijiet ta' thejjiha fl-2010;

9. jirrikonoxxi li l-volontarjat huwa dimensjoni ewlenija ta' ċittadinanza u demokrazija attiva iżda jenfasizza li dan huwa biss aspekk wieħed u li s-Sena Ewropea għandha wkoll tippromovi l-kontribut wiesa' li l-attività tal-volontarjat tagħmel lis-soċjetà Ewropea;

Sinerġiji aħjar bejn is-Snin Ewropej

10. huwa tal-fehma li l-għażla tal-2011 bħala s-Sena Ewropea tal-Volontarjat għandha tkompli tibni fuq l-attivitajiet tas-Sena Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali fl-2010, meta wieħed jikkunsidra r-rwol li jaqdi l-volontarjat f'dan ir-rigward, u jissuġġerixxi li s-Sena Ewropea għandha tagħti appoġġ lill-azzjonijiet kumplementari relatati mal-għaxar anniversarju tas-Sena Internazzjonali tal-Volontiera organizzata min-NU;

11. barra minn hekk, huwa tal-parir li r-riżultati tas-Sena Ewropea tal-Volontarjat fl-2011 għandhom jintużaw fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet relatati ma' Snin Ewropej rilevanti fil-futur bħalma huma x-Xjuħija Attiva (fl-2012) u ċ-Ċittadinanza (proposta għall-2013);

12. jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea għandha tiżviluppa sinerġiji aħjar bejn is-Snin Ewropej b'mod ġenerali minflok li dawn jitqiesu bħala avvenimenti separati, billi dan jipprovdi valur miżjud akbar u jsaħħaħ il-kapitalizzazzjoni fuq l-attivitajiet u r-riżultati tas-Snin Ewropej;

13. jissuġġerixxi, f'dan ir-rigward, li għandu jkun hemm involviment akbar u koordinazzjoni aktar orizzontali min-naħa ta' diversi servizzi fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea u impenn akbar mill-Istati Membri, kif ukoll sforzi akbar biex jiġu involuti l-livelli sottonazzjonali ta' governanza, sabiex jiġi żgurat li s-segwitu tal-2011 ikun effettiv u jibni fuq ir-riżultati miksuba;

L-għanijiet tas-Sena Ewropea tal-Volontarjat fl-2011

14. jilqa' l-erba' għanijiet tal-Kummissjoni Ewropea għas-Sena Ewropea tal-Volontarjat, billi dawn jikkunsidraw b'mod prattiku u ċar il-proċessi involuti fil-volontarjat kemm għall-individwi kif ukoll għall-organizzazzjonijiet li jinvolvu l-volontiera;

15. jgħbed l-attenzjoni għall-varji forum, oqsma u tradizzjonijiet ta' volontarjat fl-Istati Membri, jenfasizza li hemm bżonn ta' approċċ wiesa' u flessibbli matul l-2010 u l-2011 u jikkunsidra li s-Sena Ewropea ta' Volontarjat tipprovdi opportunità unika biex jingābru u jinħolqu forums adatti għall-iskambju tal-esperjenzi u tal-aħjar prattiki fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali fl-Unjoni Ewropea kollha;

16. jirrakkomanda li jiġi kkunsidrat l-iżvilupp ta' approċċ komuni fost l-Istati Membri sabiex l-attività tal-volontarjat tkun ikkwantifikata bħala tema ewlenija taħt l-Għan numru 3 – Jiġu ppremjati u rikonnoxxuti l-attivitajiet ta' volontarjat;

17. jenfasizza l-bżonn li s-Sena Ewropea tal-Volontarjat tintuża sabiex jittejjbu l-kundizzjonijiet tal-volontarjat fl-Unjoni Ewropea, b'mod speċjali fir-rigward tal-provvediment ta' infrastruttura li jkollha riżorsi tajbin u li tkun effiċjenti u vjabbli sabiex, permezz tagħha, il-pubbliku jkollu aċċess faċli għall-opportunitajiet ta' volontarjat;

18. jirrakkomanda li jum speċifiku lejn tmiem l-2011 jingħażel bħala l-jum wiesa' tal-volontarjat tal-Unjoni Ewropea, b'kunsiderazzjoni tal-varji tradizzjonijiet ta' volontarjat li jeżistu fl-Istati Membri. Dan il-jum jista' jintuża kull sena biex jinholq sens ta' solidarjetà fost iċ-ċittadini Ewropej li jwettqu xogħol volontarju u li jippromovu l-volontarjat mal-pubbliku ġenerali b'mod koerenti u innovattiv;

19. barra minn hekk, jissuġġerixxi li, fil-kuntest tar-rwol li l-politika pubblika tista' taqdi fil-livell lokali u reġjonali biex tippromovi u tiffaċilita l-attività tal-volontarjat, fl-2011 għandu jiġi stabbilit premju ta' kull sentejn għall-belt jew awtorità lokali jew reġjonali li l-aktar kienet attiva fil-qasam tal-volontarjat. Għaldaqstant, jagħti wkoll l-appoġġ tiegħu għal premijijiet ta' "volontier tas-sena" sabiex jiġu rikonnoxxuti l-impenn tal-individwi u r-riżultati miksuba minnhom fil-qasam tal-volontarjat;

20. jgħbed l-attenzjoni għall-hteġa li l-membri tal-pubbliku ġenerali (b'enfasi partikolari fuq dawk li jkunu ġejjin minn gruppi soċjalment esklużi) li diġà jwettqu attivitajiet ta' volontarjat jiġu involuti fil-messaġġi rilevanti ta' komunikazzjoni sabiex tiġi promossa l-parteċipazzjoni fl-attivitajiet ta' volontarjat maċ-ċittadini kollha tal-UE;

21. jenfasizza li l-azzjonijiet ta' komunikazzjoni għandhom jiffokaw fuq temi bħall-attività ta' volontarjat lokali, attività ta' volontarjat transkonfinali fil-livell tal-UE u attività ta' volontarjat fil-partijiet tad-dinja li qed jiżviluppaw;

Ir-riżultati tas-Sena Ewropea tal-Volontarjat fl-2011

22. jenfasizza li, sabiex is-Sena Ewropea tkun ta' suċċess fil-ksib tal-għanijiet tagħha, jeħteġ ammont kritiku ta' inizjattivi li jkollhom impatt fit-tul fuq il-volontarjat matul l-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, is-Sena Ewropea tal-Volontarjat għandha taħdem sabiex tilħaq impenn politiku dwar:

- (a) l-indirizzar tan-nuqqas ta' status legali għall-volontiera li jkun kompatibbli matul l-UE;
- (b) għbir ta' data aktar sistematiku fuq il-volontiera u s-servizzi li jagħtu sabiex jiġi evalwat b'mod preċiż il-valur ekonomiku tas-settur; u
- (c) l-indirizzar tal-varji ostakoli li jżommu lura lin-nies milli jwettqu attivitajiet ta' volontarjat (bħalma huwa n-nuqqas ta' proċess sistematiku ta' rilaxx tal-pulizija għal dawk li jixtiequ jaħdmu mat-tfal u ma' adulti vulnerabbli, matul l-UE, jew ir-riskju li l-persuni bla xogħol li jixtiequ jwettqu attività tal-volontarjat jitolfu l-benefiċċji tagħhom, eċċ);

23. jissuġġerixxi li s-Sena Ewropea tal-Volontarjat tqiegħed is-sisien għat-tfassil ta' Pjan ta' Azzjoni għall-Volontarjat li jkun kapaċi jggarantixxi rikonnoxximent u appoġġ aħjar għall-volontarjat f'diversi oqsma ta' politika u programmi tal-UE, u jikkunsidra li l-Konferenzi tematiki pplanati għall-2010 għandhom jintużaw biex jiġu identifikati l-elementi u l-prijoritajiet prinċipali ta' dan il-pjan ta' azzjoni;

24. jikkunsidra li s-Sena Ewropea tista' wkoll tiffaċilita diskussjoni dwar il-politiki adatti fil-livell nazzjonali sabiex jiġu mħeġġa u promossi l-attivitajiet ta' volontarjat kif ukoll sabiex jibnu fuq l-inizjattivi u l-kisbiet tal-2011;

25. jissuġġerixxi wkoll li għandha tingħata aktar kunsiderazzjoni lil rikonnoxximent usa' ta' kemm il-volontarjat isarraf f'termini monetarji bħala kontribut finanzjarju fi programmi ffinanzjati mill-UE wara l-2013 u jqis li dan jirrikjedi referenza aktar b'saħħitha fir-Regolamenti Finanzjarji u konsultazzjoni wiesgħa bejn is-servizzi fid-Direttorati Ġenerali rilevanti;

Ir-Riżorsi Finanzjarji

26. jiddispijaċih għal-livell relattivament baxx ta' fondi li qed jiġu allokati għas-Sena Ewropea tal-Volontarjat (speċjalment f'paragun mas-somma ta' EUR 17 miljun allokata fl-2010). B'dan l-ammont ta' fondi, hemm risjku li l-għanijiet tas-Sena ma jintlaħqux għalkollox u li l-attivitajiet maħsuba ma jirnexx ilhomx jgħaddu mill-varji strutturi u jilhqqu l-pubbliku ġenerali.

27. għalhekk, jissuġġerixxi li l-ammont ta' EUR 6 miljun imsemmi fl-abbozz ta' Proposta għandu jitqies bħala ammont minimu u li riżorsi oħrajn għandhom jiġu allokati lis-Sena Ewropea fl-2011 hekk kif isiru disponibbli u jixtieq li l-Kummissjoni

Ewropea ssemmi b'mod aktar ċar il-firxa ta' possibbiltajiet oħra ta' fondi taħt il-Programmi Komunitarji rilevanti li jistgħu jintużaw sabiex jintlaħqu l-għanijiet tas-Sena.

Ir-rwol tal-Kumitat tar-Reġjuni

28. jagħti kelmtu li ser jippromovi b'mod attiv l-għanijiet tas-Sena Ewropea tal-Volontarjat u li ser jassoċja ruħu mal-attivitajiet tagħha, kif xieraq, u joffri li jaħdem flimkien mal-Kummissjoni Ewropea u mal-Istati Membri sabiex jagħti effett prattiku lis-Sena Ewropea tal-Volontarjat.

II. RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦALL-EMENDI*Emenda 1*

Proposta għal emenda għall-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea ta' Volontarjat
Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Proposta għal emenda
Kull Stat Membru għandu jaħtar korp responsabbli milli jorganizza l-parteċipazzjoni tiegħu fis-Sena Ewropea (minn issa 'l quddiem il-korp nazzjonali ta' koordinazzjoni). Huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni b'din il-ħatra fi żmien xahar mill-adozzjoni tad-din id-Deċiżjoni.	Kull Stat Membru għandu jaħtar korp responsabbli milli jorganizza l-parteċipazzjoni tiegħu fis-Sena Ewropea (minn issa 'l quddiem il-korp nazzjonali ta' koordinazzjoni). Huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni b'din il-ħatra fi żmien xahar mill-adozzjoni tad-din id-Deċiżjoni.
Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-korp imsemmi qabel jinvolvi kif xieraq firxa wiesgħa ta' partijiet interessati fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali.	Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-korp imsemmi qabel jinvolvi kif xieraq firxa wiesgħa ta' partijiet interessati fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali.
Il-korp nazzjonali ta' koordinazzjoni għandu jkun responsabbli għall-abbozzar tal-programmi/azzjonijiet nazzjonali u prijoritajiet tas-Sena skont l-għanijiet elenkati fl-Artikolu 2 u skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-Anness.	Il-korp nazzjonali ta' koordinazzjoni għandu jkun responsabbli għall-abbozzar tal-programmi/azzjonijiet nazzjonali u prijoritajiet tas-Sena <u>b'konsultazzjoni mal-partijiet interessati</u> u skont l-għanijiet elenkati fl-Artikolu 2 u skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-Anness.

Raġuni:

Hemm bżonn ta' proċess ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati fl-abbozzar tal-programmi nazzjonali u fit-twaqqif tal-prijoritajiet.

Emenda 2

Proposta għal emenda għall-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea ta' Volontarjat**Artikolu 7.1**

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Proposta għal emenda
Il-baġit għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011 huwa EUR 6 000 000.	Il-baġit għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011 huwa għandu jkun <u>minimu ta' EUR 6 000 000, u aktar riżorsi għandhom jiġu allokati fil-limiti tal-qafas finanzjarju.</u>

Raġuni:

Sabiex jinkisbu riżultati tanġibbli, jeħtieġ li l-baġit għas-Sena Ewropea jżdzied u l-proposta attwali għandha titqies bħala ammont minimu.

Emenda 3

Proposta għal emenda għall-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea ta' Volontarjat**Artikolu 9**

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Proposta għal emenda
Il-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri għandha tiżgura li l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jkunu konsistenti ma' skemi u inizjattivi Komunitarji, nazzjonali, u reġjonali li jgħinu l-kisba tal-għanijiet tas-Sena Ewropea.	Il-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri għandha tiżgura li l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jkunu konsistenti ma' skemi u inizjattivi Komunitarji, nazzjonali, u reġjonali <u>u lokali</u> li jgħinu l-kisba tal-għanijiet tas-Sena Ewropea.

Raġuni:

Jeħtieġ ukoll li tiġi inkluża l-konsistenza fl-inizjattivi lokali.

Brussell, 10 ta' Frar 2010.

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Mercedes BRESSO